**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs**

**Mario Vella**

**Kumpilazzjoni Nru. 284/2024 AC**

**Illum, is-7 ta' Mejju 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Mario Vella** ta' 43 sena, iben il-mejjet Carmelo Vella u Maria Dolores xebba Xerri, imwieled nhar l-14 ta' Ottubru 1980 ġewwa l-Pieta' u residenti ġewwa 43, MAKC Building, Flat 2, Triq Anglu Mallia, Birkirkara, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 0496080M, li kien akkużat talli nhar l-20 ta' Jannar 2024, u

fil-ġranet, xhur, u fis-snin ta' qabel, f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkaġuna lill-eks-sieħba tiegħu u ċioe' **Marlene Bonello**, fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali;
2. Għamilt inġurji u theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lill-eks sieħba tiegħek **Marlene Bonello**, jew jekk kont ipprovokat, inġurjajt b'mod li ħriġt barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
3. Permezz ta' *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika inġurjajt u/jew heddidt lill-eks sieħba tiegħek **Marlene Bonello**, bi kliem;
4. U iktar talli għamilt użu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika (*mobile*)

U iktar talli nhar il-21 ta' Diċembru 2023 bejn f'diversi ħinijiet u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin f'ħinijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

5. Bla ħsieb li tisraq jew tagħmel ħsara kontra l-Liġi, iżda biss biex teżerċita dritt li tippretendi li għandek, giegħelt bl-awtorita' tiegħek innifsek lill-eks sieħba tiegħek **Marlene Bonello** tħallas dejn, jew tesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkilt lill-istess **Marlene Bonello** fil-pussess ta' ħwejjiġha (*mobile phone*), jew ħattejt bini, jew b'xi mod ieħor kontra l-Liġi ndħalt fi ħwejjiġha;
6. Volontarjament ħassart jew għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, u ċioe' vettura tal-għamla Toyota Vitz ta' lewn iswed u b'numru ta' reġistrazzjoni GBX 684, u liema vettura hija proprjeta' ta' **Marlene Bonello**, liema ħsara ma tiskorrix l-ammont ta' €2,500;
7. Ħebbejt għall-eks sieħba tiegħek **Marlene Bonello** sabiex tinġurjaha, iddejjaqha jew tagħmlilha ħsara b'xi mod;
8. Għamilt inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lill-eks tiegħek, u ċioe' **Marlene Bonello**, jew, jekk kont ipprovokat, inġurjajt b'mod li ħriġt barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
9. Volontarjament ksirt il-paċi pubblika u/jew il-bon ordni b'għajjat u/jew ġlied;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Mario Vella** a benefiċċju tal-eks sieħba tiegħu, u ċioe' **Marlene Bonello** u l-familjari tagħha u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuni ta' **Marlene Bonello** u l-familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Mario Vella** b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 *et seq* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-Liġi, tordna lill-imsemmi **Mario Vella** sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat deher quddiem din il-Qorti b'ċitazzjoni nhar it-22 ta' Mejju 2024, fejn l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Audrey Micallef qrat u kkonfermat l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat bil-ġurament[1];

Rat li meta sar l-eżami tal-imputat mingħajr ġurament *ai termini* tal-Artikolu 370(4), l-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[2], wieġeb li mhux ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti proċesswali, senjatament is-segwenti:

1. Estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat[3];
2. Il-Fedina Penali tal-imputat hekk kif aġġornata fl-4 ta' Frar 2024[4];
3. L-Istqarrija tal-Imputat datata l-4 ta' Frar 2024[5];
4. Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/173/2024[6];
5. Il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali sabiex dan il-każ ikun trattat bi proċedura sommarja[7];

[1] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 26 *et seq* tal-proċess
[2] Ara a fol 28 tal-proċess
[3] Ara a fol 9 tal-proċess
[4] Ara a fol 10 tal-proċess
[5] Ara a fol 11 *et seq* tal-proċess
[6] Ara a fol 15 *et seq* tal-proċess
[7] Ara a fol 21 tal-proċess

6. Ritratt ta' tbenġila[8];
7. Ritratt ta' statwetta[9];
8. Ritratt tal-imputat[10];
9. *Screenshots* ta' *call logs*[11];
10. Stima ta' ħsarat fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GBX 684[12];
11. *Screenshots* ta' *call logs*[13];
12. *Registration Details* fuq in-numri tat-*telephone* 21499603 u 99313927, u *call logs* tal-istess numri[14];
13. Dettalji fuq in-numru 77217319 u *call logs* tal-istess numru[15];

Semgħet ix-xhieda, u ċioe' lill-***Parte Civile*** **Marlene Debono**[16], **Maria Grazia Vella**[17], **PS Jean Paul Mallia**[18], **Anthony Bonnici għan-nom tas-soċjeta' Go plc**[19], **Christian Joseph Bartolo għan-nom tas-soċjeta' Melita plc**[20] u **l-Ispettur Audrey Micallef**[21];

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2025[22] l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li din il-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-

[8] Ara Dok AM1 a fol 69 tal-proċess
[9] Ara Dok AM2 a fol 70 tal-proċess
[10] Ara Dok AM3 a fol 71 tal-proċess
[11] Ara Dok AM4 a fol 72 *et seq* tal-proċess
[12] Ara Dok AM5 a fol 79 tal-proċess
[13] Ara Dok JPM1 a fol 96 *et seq* tal-proċess
[14] Ara Dok AB1 a fol 112 *et seq* tal-proċess
[15] Ara Dok GB1 a fol 121 *et seq* tal-proċess
[16] Ara x-xhieda tagħha fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2024 a fol 29 *et seq* tal-proċess
[17] Ara x-xhieda tagħha fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2024 a fol 82 *et seq* tal-proċess
[18] Ara x-xhieda tiegħu fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2024 a fol 91 *et seq* tal-proċess
[19] Ara x-xhieda tiegħu fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2024 a fol 110 *et seq* tal-proċess
[20] Ara x-xhieda tiegħu fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2024 a fol 119 *et seq* tal-proċess
[21] Ara x-xhieda tagħha fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2024 a fol 138 *et seq* tal-proċess
[22] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 138 *et seq* tal-proċess

konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien biss f'dan l-istadju li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu;

Għalhekk, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li ma hemmx raġuni tajba sabiex tiddubita li l-imputat huwa ħati minkejja li huwa ddikjara l-ammissjoni tiegħu, u tqis li l-imputazzjonijiet sopraċitati kienu sodisfaċentement ipprovati;

Rat li fl-istess seduta, illi *ai fini* ta' piena, din il-Qorti awtorizzat lill-partijiet sabiex b'mod konġuntiv jew mill-*Parte Civile* weħidha jintavolaw nota li permezz tagħha jindikaw jekk l-ammont ta' erbgħa mitt Ewro (€400) kienx imħallas jew le;

Rat in-nota datata l-20 ta' Marzu 2025, li permezz tagħha infurmaw lil din il-Qorti li l-ħlas dovut imsemmi sar u li għalhekk il-ħsarat mertu ta' din il-kawża ġew saldati[23];

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2025;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li din il-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat kien mixli talli nhar l-20 ta' Jannar 2024, u fil-ġranet, xhur, u fis-snin ta' qabel, f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkaġuna lill-eks-sieħba tiegħu u ċioe' **Marlene Bonello**, fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali;
2. Għamilt inġurji u theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lill-eks sieħba tiegħek **Marlene Bonello**, jew jekk kont ipprovokat, inġurjajt b'mod li ħriġt barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
3. Permezz ta' *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika inġurjajt u/jew heddidt lill-eks sieħba tiegħek **Marlene Bonello**, bi kliem;

[23] Ara a fol 149 tal-proċess

4. U iktar talli għamilt użu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika (*mobile*);

U iktar talli nhar il-21 ta' Diċembru 2023 bejn f'diversi ħinijiet u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin f'ħinijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

5. Bla ħsieb li tisraq jew tagħmel ħsara kontra l-Liġi, iżda biss biex teżerċita dritt li tippretendi li għandek, giegħelt bl-awtorita' tiegħek innifsek lill-eks sieħba tiegħek **Marlene Bonello** tħallas dejn, jew tesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkilt lill-istess **Marlene Bonello** fil-pussess ta' ħwejjiġha (*mobile phone*), jew ħattejt bini, jew b'xi mod ieħor kontra l-Liġi ndħalt fi ħwejjiġha;
6. Volontarjament ħassart jew għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, u ċioe' vettura tal-għamla Toyota Vitz ta' lewn iswed u b'numru ta' reġistrazzjoni GBX 684, u liema vettura hija proprjeta' ta' **Marlene Bonello**, liema ħsara ma tiskorrix l-ammont ta' €2,500;
7. Ħebbejt għall-eks sieħba tiegħek **Marlene Bonello** sabiex tinġurjaha, iddejjaqha jew tagħmlilha ħsara b'xi mod;
8. Għamilt inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lill-eks tiegħek, u ċioe' **Marlene Bonello**, jew, jekk kont ipprovokat, inġurjajt b'mod li ħriġt barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
9. Volontarjament ksirt il-paċi pubblika u/jew il-bon ordni b'għajjat u/jew ġlied;

Li minn kif intqal aktar 'il fuq, l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu għal dawn l-imputazzjonijiet;

Fil-kalibrar tal-piena li għandha tkun erogata, din il-Qorti ħadet is-segwenti fatturi in konsiderazzjoni:

1. Li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu fi stadju matur ta' dawn il-proċeduri, li għalhekk jiddipartixxi ruħu minn dak argumentat mill-Qrati tagħna u dawk internazzjonali dwar tnaqqis fil-piena għal ammissjonijiet li jsiru fi stadju bikri tal-proċeduri[24], li jfisser li l-Qorti tkun frankat il-ħin, ir-riżorsi u l-ispejjeż neċessarji

[24] Ara f'dan is-sens **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997; **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta'

sabiex tindaga dwar il-mertu tal-imputazzjonijiet odjerni, u l-amministazzjoni tal-ġustizzja. Fil-każ odjern, jirriżulta li l-Prosekuzzjoni kienet iddikjarat il-provi tagħha magħluqin fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2024[25] b'dan li l-imputat kien irreġistra l-ammissjoni tiegħu fit-12 ta' Marzu 2025 meta naturalment il-kawża kienet differita għall-provi tad-Difiża. Għaldaqstant, id-dikjarazzjoni ta' ħtija tal-imputat trid titqies f'dan il-kuntest;

2. In-natura tal-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat u l-aggravji assoċjati magħhom, li minbarra li jirrinkwadraw ruħhom fid-definizzjoni ta' "vjolenza domestika"[26] u "familja jew unita' domestika"[27] *ai termini* tal-Artikolu 2 tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta, jaqgħu ukoll taħt il-kappa tar-reat kontinwat a tenur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tenut kont il-fatt li r-reati in deżamina saru fuq medda ta' żmien;

3. Dak dikjarat mill-partijiet fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2025, li fiha l-Prosekuzzjoni ssottomettiet li m'hijiex tinsisti fuq piena karċerarja fil-konfront tal-imputat, iżda insistiet fuq Ordni ta' Trażżin a favur il-*Parte Civile* Marlene Bonello, kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-*Parte Civile* u d-Difiża li l-ammont ta' danni subiti minnha fl-ammont ta' erba' mitt Ewro (€400) kienu ser ikunu saldati fil-mori tad-differiment għas-sentenza (kif fil-fatt sar b'dan li kif kienu debitament awtorizzati minn din il-Qorti, nhar l-20 Mejju 2025[28] ġiet preżentata nota konġuntiva fl-atti ta' dawn il-proċeduri rigward dan il-ħlas;

---

Lulju 2002, kif ukoll Appell Nru. 414/2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-13 ta' Settembru 2024; Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024

[25] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 137 tal-proċess

[26] "...l-atti jew l-ommissjonijiet kollha, inkluż il-vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ta' natura ekonomika li jikkawżaw ħsara u, jew tbatija fiżika jew morali, inkluż it-theddid ta' tali atti jew ommissjonijiet, l-isfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja u, jew f'relazzjoni intima, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza fi ħdan il-familja u, jew relazzjoni intima";

[27] B'referenza partikolari ssir għall-Artikolu 2(d) tal-istess Kapitolu, u ċioe' "persuni li qegħdin jew li kienu f'relazzjoni sentimentali u, jew intima";

[28] Ara a fol 149 tal-proċess

4. Il-Fedina Penali relattivament netta tal-imputat;

Tenut kont dawn il-fatturi kollha għalhekk, din il-Qorti tqis li filwaqt li ma tistax tinjora l-portata ta’ dawn l-imputazzjonijiet, tara li piena karċerarja effettiva fil-konfront tal-imputat ma tkunx idoneja, u li waħda pekunjarja tkun aktar adatti fiċ-ċirkostanzi. Il-Qorti tqis ukoll illi dawn ir-reati, inkluż il-ħsara volontarja, saru bl-istess skop, u ċioe’ li jikkaġunaw fastidju lill-*Parte Civile* peress li kien qiegħed jissusspetta fiha u li din kienet ir-raġuni għall-aġir tal-imputat fil-konfront tagħha, u li għalhekk, huma reżi applikabbli l-provvedimenti tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta. Fl-aħħarnett, din il-Qorti tqis li flimkien ma’ din il-piena, għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tassigura s-sigurta’ u l-benesseri tal-*Parte Civile*;

Madankollu, minkejja li din il-Qorti kienet propensa li teroga piena pekunarja fil-konfront tal-imputat, jirriżulta li r-reat tal-fastidju huwa aggravat peress li twettaq fil-konfront ta’ persuna msemmija fl-Artikolu 222(1), li minn eżami tal-istess Artikolu, jinkludi l-persuni isemmijin fl-Artikolu 202(h), li jinkludi l-*Parte Civile* **Marlene Bonello** bħala persuna li kienet f’relazzjoni mal-imputat u kienet tgħix miegħu taħt l-istess saqaf, u konsegwentement il-piena għandha tiżdied bi grad. Għaldaqstant, filwaqt li xorta hija tal-fehma li piena karċerarja m’hija waħda idoneja, din il-Qorti, *ai termini* tal-Artikolu 31(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, hija kostretta li teroga piena ta’ sentenza sospiża *ai termini* tal-Artikolu 28A(1) tal-istess Kapitolu.

**<u>Decide:</u>**

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 17(h), l-Artikolu 18, l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 31(1)(f), l-Artikolu 85(1), l-Artikolu 202(h)(v), l-Artikolu 202(h)(vi), l-Artikolu 251A(1)(a), l-Artikolu 251A(1)(b), l-Artikolu 251A(4), l-Artikolu 251H(a), l-Artikolu 251H(b), l-Artikolu 251HA, l-Artikolu 222(1)(a), l-Artikolu 325(1)(b), l-Artikolu 338(dd), l-Artikolu 339(1)(d), l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, kif ukoll l-Artikolu 49(a) u

l-Artikolu 49(b) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, **qiegħda, fuq ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, issib lill-imputat Mario Vella ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għall-piena ta' xahrejn (2) priġunerija, li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tkun sospiża għal perjodu ta' tnax (12)-il xahar mid-data ta' din is-sentenza, u qiegħda tikkundannah ukoll għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' mitejn Ewro (€200).**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fissret lill-imputat, issa l-ħati **Mario Vella,** bi kliem ċar u sempliċi l-portata ta' din is-sentenza, inkluż ir-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet imposti minn din il-Qorti, u ċioe' li f'każ li jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, il-perjodu operattiv ma jibqax fis-seħħ, u l-piena ta' priġunerija ta' xahrejn (2) imsemmija aktar 'il fuq issir waħda ta' priġunerija effettiva;

*In oltre* din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 382A(1) u l-Artikolu 382A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati **Mario Vella** favur il-*Parte Civile* **Marlene Bonello u l-familjari tagħha għal żmien tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza**, liema Ordni għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tħaddem kontra l-ħati **Mario Vella** l-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tiddikjara li m'hijiex f'pożizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba *stante* li ma kien inkarigat l-ebda espert fil-perkors ta' dawn il-proċeduri;

Il-Qorti tordna li a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja skenjata tal-atti proċesswali flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għall-istess tkun ikkomunikata lill-Avukat Ġenerali, u dan fiż-żmien stipulat fil-Liġi.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**